MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## SILVIO CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Numru 400/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Andre Apap**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija kontra l-appellat Andre Apap talli nhar il-31.05.2008 ghal habta ta' 02:45hrs fi Triq tal-Ghajn, Fontana, Triq ix-Xlendi, Munxar kif ukoll fix-Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex:-

1. saq vettura RBA 324 tal-ghamla Kia Avella b'manjiera traskurata u perikoluza;

2. u aktar talli fl-istess cirkostanzi saq l-istess vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

3. aktar talli saq l-imsemmija vettura meta ma kellux licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ tat-Transport ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta’ Settembru 2010 li biha, wara r-rilievi preliminari soliti dwar l-imputazzjonijiet u li semghet il-provi u rat id-dokumenti esebiti ikkonkludiet kif gej:

“Ikkunsidrat:

Illi d-difiza f’din il-kawza qed tikkontendi illi l-gurnata meta sehh dana l-incident gie indikat hazin fl-akkuza billi dana l-kaz sehh fil-lejl ta’ bejn il-gurnata tas-Sibt u l-Hadd u mhux fil-31 ta’ Mejju 2008 li hu l-lejl ta’ bejn il-Gimgha u s-Sibt;

Illi ghalhekk hemm dubbju dettat mir-raguni dwar jekk il-fatti ta’ dan il-kaz sehhewx fil-gurnata tal-31 ta’ Mejju 2008 jew gurnata wara;

Il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba bil-konfront tieghu.”

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali minnu prezentat fis-7 ta’ Ottubru 2010 li permezz tieghu talab li tigi revokata u kancellata s-sentenza appellata u minflok li ssib lill-appellanti (recte appellat) Andre Apap hati ta’ l-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi id-depozizzjonijiet tal-persuni li xehedu quddiemha u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

Il-fatti fil-qosor ta’ dan il-kaz kif irrizultaw mill-provi mismugha huma kif gej. F’jum f’Mejju 2008 waqt li xi membri tal-pulizija kienu qed jaghmlu *road checks* fi Triq il-Ghajn, Fontana, Ghawdex, giet osservata karozza tieqaf f’daqqa, issuq in retromarcja ghal bicca twila tat-triq, daret ‘l isfel u tbeghdet b’velocita’ qawwija mill-post fejn kienu

qed isiru r-*road checks*. Dawn il-manuvri tal-vettura qajjmu s-suspett tal-pulizija li rikbu fil-karozza taghhom u segwew il-vettura li kienet nsaqet bil-qawwa minn fuq il-post. Il-pulizija lahqu l-karozza msemmija li kellha n-numru RBA324, li kienet ghada tinsaq bil-qawwa, u waqqfuha fl-inhawi tal-pjazza Anfori fix-Xlendi. Irrizulta lill-pulizija li s-sewwieq tal-karozza mwaqqfa kien l-imputat appellat.

Il-kontenzjoni bejn il-prosekuzzjoni u l-imputat appellat hi dwar id-data li fiha sar l-incident ghaliex altrimenti l-imputat appellat ma hux qieghed jikkontesta l-fatti sostanzjali li taw lok ghall-imputazzonijiet kontra tieghu. Skond l-att tat-tahrika mahrug mill-Pulizija l-incident gara nhar il-31 ta’ Mejju 2008 ghall-habta tas-“02.45*hrs*”. Dan ifisser li skond it-tahrika l-fatti graw fit-tlieta neqsin kwart ta’ filghodu tal-31 ta’ Mejju 2008 u cioe’ fil-lejl ta’ bejn il-Gimgha, li kienet it-30 ta’ Mejju 2008 u s-Sibt 31 ta’ Mejju 2008 waqt li l-imputat appellat qieghed isostni li l-incident gara fil-lejl ta’ bejn is-Sibt u l-Hadd u cioe’ qieghed isostni li l-incident gara fil-jum tal-Hadd 1 ta’ Gunju 2008 kmieni filghodu.

L-aggravju tal-Avukat Generali appellant jirrigwarda l-allegat apprezzament zbaljat u irragonevoli tal-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti u li wassluha tikkonkludi li kien hemm dubbju dettat mir-raguni dwar jekk il-fatti ta’ dan il-kaz sehhewx fil-gurnata tal-31 ta’ Mejju 2008 jew f’xi gurnata ohra u jsostni li kieku l-ewwel Qorti ma ghamlitx dan l-apprezzament zbaljat u irragonevoli kieku ma kienx ikollha triq ohra hlief li ssib lill-imputat appellat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Dwar ix-xorta ta’ aggravju dedott mill-appellant il-gurisprudenza ta’ din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti bhala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Jekk din il-Qorti, izda, tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida jekk mhux addirittura

mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u konkluzzjoni. Fil-kaz odjern din il-Qorti kellha l-opportunita’ li tisma’ hi stess kemm lil tnejn mix-xhieda tal-prosekuzzjoni kif ukoll lill-imputat appellat u allura qieghdha f’pozizzjoni ftit ahjar mis-soltu sabiex taghmel apprezzament hi stess tax-xhieda prodotti.

L-ewwel Qorti kellha quddiemha tlett affidavits li fihom l-ufficjali tal-pulizija li hadu sehem fir-*road checks* in kwistjoni it-tlieta kkonfermaw bil-gurament illi l-incident gara fil-31 ta’ Mejju 2008 ghall-habta tas-saghtejn/it-tlieta neqsin kwart ta’ filghodu u cioe’ fil-lejl ta’ bejn il-Gimgha u s-Sibt. Dawn l-affidavits gew prezentati quddiem l-ewwel Qorti fis-16 ta’ Ottubru 2008 ghalkemm wiehed minnhom, dak ta’ PS 676 Edelon Spiteri (Dok A, fol 3 tal-process), jirrizulta li kien gie rilaxxjat fid-9 ta’ Awwissu 2008. Wara diversi differimenti, il-bicca l-kbira fuq talba tal-imputat appellat, fl-14 ta’ Settembru 2010, u cioe’ aktar minn sentejn wara l-incident, sar il-kontroezami ta’ tnejn mill-ufficjali tal-pulizija li kienu rrilaxxjaw l-affidavits imsemmija peress li d-difiza ma nsistietx li taghmel kontroezami lit-tielet ufficjal li wkoll fl-affidavit tieghu kien kkonferma bil-gurament li l-incident kien gara fil-31 ta’ Mejju 2008 ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart ta’ filghodu. Waqt il-kontroezami, wiehed mill-ufficjali tal-pulizija ikkonferma li l-incident gara fil-31 ta’ Mejju 2008, u cioe’ fil-lejl tal-Gimgha u s-Sibt waqt li l-ufficjal l-iehor, waqt il-kontroezami, wara li semma li l-incident gara fil-31 ta’ Mejju 2008 qal li dan kien fil-lejl tas-Sibt u l-Hadd.

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, f’dawn ic-cirkostanzi, meta kien hemm tlett affidavits mill-ufficjali tal-pulizija koncernati li kollha jikkonfermaw li d-data tal-incident kienet il-31 ta’ Mejju 2008 filghodu kmieni, wiehed ma jistax ragonevolment jikkonkludi li hemm dubbju dettat mir-raguni dwar id-data tal-incident semplicement ghaliex wiehed minnhom, aktar minn sentejn wara l-fatt, jghid li l-incident gara bejn is-Sibt u l-Hadd, u l-imputat jaqbel mieghu, meta l-31 ta’ Mejju 2008 filghodu kmieni kienet tigi fil-lejl ta’ bejn il-Gimgha u s-Sibt. Mhux kull imprecizjoni fil-provi awtomatikament ghandu jwassal ghal dubbju dettat mir-raguni ghaliex altrimenti il-Qorti ma tkun

tista' qatt issib htija peress illi hu inevitabbli li xi imprecizjoni fil-provi ser titfacca dejjem.

Fil-kaz odjern din il-Qorti kellha l-istess opportunita' li tisma *viva voce* lix-xhieda li semghet l-ewwel Qorti u hi perswaza li d-data moghtija fit-tahrika hi d-data korretta.

L-ufficjal li quddiem il-Qorti tal-Magistrati xehed illi d-data kienet bejn is-Sibt u l-Hadd, meta xehed quddiem din il-Qorti bla tlaqliq ikkonferma li veru hekk kien qal lill-ewwel Qorti izda bla tlaqliq ukoll ikkonferma li kien ha zball u li kien tfixkel u li kien cert li d-data relevanti kienet il-31 ta' Mejju 2008 kif hemm fl-imputazzjoni. L-ufficjal l-iehor tal-pulizija wkoll ikkonferma li d-data kienet il-31 ta' Mejju 2008 u li l-incident gara kmieni filghodu u li r-rapport dwar l-incident iddahhal wara nofsinhar tal-31 ta' Mejju 2008. Sahansitra l-imputat appellat meta ha l-pedana tax-xhieda quddiem din il-Qorti b'risposta ghall-ewwel domandi li sarulu mill-avukat tieghu xehed hekk:

"<u>L-Avukat Dottor Georgine Grech:</u>
Ghidilna meta kien u x'gara?

<u>Xhud:</u>
Is-Sibt kont tiela' mill-Grotta jien,

<u>L-Avukat Dottor Georgina Grech:</u>
Is-Sibt?

<u>Xhud:</u>
Is-Sibt hu.

<u>L-Avukata Dottor Georgine Grech:</u>
Is-Sibt jigif'….

<u>Xhud</u>
Mis-Sibt ghal Hadd.

<u>L-Avukat Dottor Georgine Grech:</u>
Hekk."

Jigifieri, anki l-imputat appellant, meta kien jaf bl-importanza tal-fatt jekk l-incident garax is-Sibt jew il-Hadd, beda biex jikkonferma bla kwalifika li kien fil-jum tas-Sibt u kien biss meta l-avukat difensur bid-domandi taghha tat x'jifhem lill-imputat li seta kien zbaljat dwar il-gurnata tas-Sibt li huwa ghadda biex jikkwalifika dak li kien ghadu kemm qal billi wiegeb "Mis-Sibt ghal Hadd".

Il-Qorti ghalhekk qed tilqa' l-aggravju tal-Avukat Generali.

Rigward il-fatti li graw waqt l-incident dawn ma gew kontestati b'ebda mod mill-imputat appellat waqt ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti u anzi xehed li "Kont tiela mill-Grotta jien rajt roadblock, insomma kif qal il-pulizija ezatt hu. Jigifieri ma nsibx kontra, ma nsibx oggezzjoni jew hekk."

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157) inghad:

"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.

Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain,** Appell Kriminali, 21/5/96)".

Din il-Qorti hi tal-fehma illi s-sewqan tal-imputat appellat fid-data u hin tal-incident kien certament jikkwalifika bhala ta' l-anqas sewqan negligenti jew traskurat u kien jirrazenta s-sewqan bla kont. L-imputazzjonijiet kontra l-imputat, izda, ma jinkludux is-sewqan bla kont. Ma ngibux provi dwar jekk is-sewqan tal-imputat kienx holoq xi perikolu ghal terzi dakinhar tal-incident ghalkemm issemma li meta l-pulizija waslu hdejn La Grotta discotheque dak il hin kien hemm numru konsiderevoli ta' zaghzagh dehlin u hergin. Fic-cirkosanzi, ghalhekk, tenut kont tal-hin bikri li fih sehh l-incident *de quo,* il-Qorti hi tal-fehma li ma giex pruvat sewqan perikoluz skond il-ligi izda gie pruvat sewqan traskurat mill-imputat appellat.

Ghar-rigward tal-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza kienet tispetta lill-imputat ghat-tenur tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104. Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha **Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi**[1], **Il-Pulizija vs Stefan Apap**[2], u **il-Pulizija vs Charles Galea**[3] u ohrajn dwar meta tiskatta l-prezunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu cjar u inekwivoku fil-portata tieghu: il-prezunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jigi akkuzat b'reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispozizzjoni ma thalli

[1] 3 ta' Novembru 2005
[2] 26 ta' April 2007
[3] 7 ta' Mejju 2007

lok ghal ebda interpretazzjoni. Qatt ma kien hemm xi htiega li jsir xi sforz biex id-dispozizzjoni tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 tigi rikonciljata permezz ta' process ta' interpretazzjoni mad-dispozizzjoni tal-artikolu 10(1) tal-istess Kap ghaliex iz-zewg dispozizzjonijet jirregolaw sitwazzjonijiet diversi. L-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 jirregola x'jigri fi proceduri kriminali ghal reat taht l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 mentri l-artikolu 10(1) tal-istess Kap jirregola ir-rizarciment mill-assikurazzjoni ghal xi responsabbilta' ghal dejn civili li ghandha tkun koperta minn polza ta' assikurazzjoni. B'dak kollu li hemm fl-artikolu 10(1) tal-Kap 104 il-pozizzjoni li hemm fl-artikolu 3(1A) tal-istess Kap tibqa' mhux mittiefsa u cioe' li <u>fi proceduri kriminali</u> ghal reat taht l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 kemm-il darba l-akkuzat ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assigurazzjoni mahrug taht l-artikolu 4(4) jigi prezunt li ma kienx hemm polza ta' l-assigurazzjoni fis-sehh skond kif mehtieg fl-artikolu 3(1) imsemmi.

Fl-atti tal-process jirrizulta li giet esibita mid-difiza kopja ta' *Certificate of Motor Insurance* li izda jirrizulta li hu b'effett mill-11 ta' Awwissu 2008, u ghalhekk skond dak ic-certifikat dik il-polza ma kienetx fis-sehh fid-data tal-incident u ghalhekk tapplika l-prezunzjoni prevista fl-artikolu 3(1A) tal-Kap. 104.

Ma jirrizultax, izda, li l-imputat appellat saq l-istess karozza minghajr licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta peress li ma ngiebet ebda prova mill-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward hlief stqarrija *detto del detto* fl-affidavit ta' PS 676 Edelon Spiteri fis-sens li l-Awtorita' tat-Trasport kienet informatu li l-imputat appellat ma kellux licenzja tas-sewqan. Ma gie prodott ebda rapprezentant tal-Awotorita' tat-Trasport, izda, biex jaghmel prova diretta dwar dan u anqas gie prodott xi rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija ghall-istess fini.

In kwantu ghall-piena din il-Qorti tikkonsidra r-reat ta' sewqan traskurat u in partikolari meta s-sewwieq ma jkunx kopert b'polza ta' assikurazzjoni skond il-ligi bhala reati serji li ghandhom il-potenzjal li jipperikolaw s-sahha u

addirittura l-hajja tan-nies filwaqt li jkunu fl-istess hin imcahhda mill-harsien li l-ligi trid li jkollhom bl-obbligu tal-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni. Ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz huma partikolarment preokkupanti peress li l-agir tal-imputat appellat kien intiz biex jevadi lill-forzi tal-ordni pubbliku li kienu kostretti f'insegwiment li seta kien anki ta' perikolu ghalihom. Di piu' jirrizulta mill-fedina penali tal-imputat appellat li dan ma hux l-ewwel incident ta' din ix-xorta tieghu ghalkemm, peress li ma gietx prezentata kopja tas-sentenza relattiva, il-Qorti ma hix ser tiehu konjizzjoni ta' din is-sentenza precedenti ghall-fini tar-recidiva a tenur tal-artikolu 3(2)(b) tal-Kap. 104.

Ghall-motivi premessi tilqa' in parte l-appell ta' l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha fejn sabet lill-imputat appellat mhux hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u minflok issibu hati tal-ewwel imputazzjoni izda biss talli saq il-vettura RBA 324 b'manjera traskurata kif ukoll tat-tieni imputazzjoni talli saq l-istess vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni u wara li rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 u l-artikoli 3(1) u 3(2)(a)(2A)(2B) tal-Kap 104 tikkunndannah multa ta' mitejn euro (€ 200) ghall-ewwel imputazzjoni u multa ohra ta' elf euro (€ 1000) ghat-tieni imputazzjoni it-tnejn konvertibbli fi prigunerija skond il-ligi f'kaz ta' nuqqas ta' pagament u tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar millum, u tikkonfermha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------